

# Rapport Annwali

**2011**

Sommarju Eżekuttiv



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA





# Rapport Annwali

**2011**

Sommarju Eżekuttiv



**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib tweġibiet  
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon waħdieni bla ħlas (\*):**

**00 800 6 7 8 9 10 11**

(\* ) ċerti operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux aċċess  
għal numri 00 800 jew inkella dawn it-telefonati jkunu bi ħlas.

Ħafna informazzjoni addizzjonali dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-internet.  
Jista' jsir aċċess għaliha permezz tas-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni.

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2012

ISBN 978-92-95076-51-8

doi:10.2804/42336

© L-Unjoni Ewropea, 2012

Ir-riproduzzjoni hija awtorizzata kemm-il darba jissemma s-sors oriġinali

# INTRODUZZJONI

Dan huwa s-Sommarju Eżekuttiv tar-Rapport Annwali 2011 tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-dejta (KEPD). Ir-rapport ikopri l-2011 bħala s-seba' sena sħiħa ta' attività tal-KEPD bħala awtorità indipendenti ġdida ta' kontroll, responsabbli li tiżgura li d-drittijiet u l-libertajiet fundamentali ta' persuni fiżiċi, u b'mod partikolari l-privatezza tagħhom, fir-rigward tal-ipproċessar tad-dejta personali, jiġu rrispettati mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE. Dan ikopri wkoll it-tielet sena tal-mandat komuni ta' ħames snin ta' Peter Hustinx, Kontrollur, u Giovanni Buttarelli, Assistent Kontrollur.

L-attivitajiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 45/2001<sup>1</sup> (ir-Regolament), huma li:

- jagħmel monitoraġġ u jiżgura li d-dispożizzjonijiet tar-Regolament jiġu mħarsa meta l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE jipproċessaw dejta personali (**sorveljanza**);
- jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE fuq il-kwistjonijiet kollha relatati mal-ipproċessar tad-dejta personali. Dawn jinkludu konsultazzjoni dwar proposti għal-leġiżlazzjoni u l-monitoraġġ ta' żviluppi ġodda li jkollhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali (**konsultazzjoni**);
- jikkoopera ma' awtoritajiet nazzjonali ta' kontroll u ma' korpi ta' kontroll f'dak li kien it-tielet pilastru tal-UE bil-ħsieb li tittejjeb il-konsistenza fil-protezzjoni tad-dejta personali (**kooperazzjoni**).

Matul l-2011, il-KEPD stabbilixxa punti ta' riferiment f'diversi oqsma ta' attività. Fis-sorveljanza tal-istituzzjonijiet u tal-korpi tal-UE, meta jipproċessaw dejta personali, il-KEPD interaġġixxa ma' aktar uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta f'aktar istituzzjonijiet u korpi minn qatt qabel. Barra minn hekk, il-KEPD ra l-effetti tal-politika l-ġdida tiegħu ta' infurzar: il-parti l-kbira tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE qegħdin jagħmlu progress fil-ħarsien tar-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-Dejta, filwaqt li oħrajn jeħtieġu jżidu l-isforzi tagħhom.

Fil-konsultazzjoni dwar miżuri leġiżlattivi ġodda, il-KEPD ħareġ għadd rekord ta' opinjonijiet dwar firxa ta' suġġetti. L-aktar waħda prominenti hija r-Reviżjoni tal-qafas legali tal-UE għall-protezzjoni tad-dejta, li tibqa' fuq nett tal-aġenda. Madankollu, l-implimentazzjoni tal-programm ta' Stokkolma fil-qasam tal-libertà, is-sigurtà u l-ġustizzja u l-Aġenda Diġitali, bħala l-pedamenti għall-istrateġija tal-Ewropa 2020, ukoll kellha impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta. Dan jista' jingħad ukoll dwar kwistjonijiet fis-suq intern, is-saħħa pubblika u l-affarijiet tal-konsumatur, u l-infurzar f'kuntest transkonfinali.

Fl-istess waqt, il-KEPD żied il-kooperazzjoni ma' awtoritajiet oħrajn ta' kontroll u tejjeb ukoll l-effiċjenza u l-effikaċja tal-organizzazzjoni tiegħu.

<sup>1</sup> Regolament (KE) Nru 45/2001 tat-18 ta' Diċembru 2000 dwar il-protezzjoni ta' individwu fir-rigward tal-ipproċessar ta' dejta personali mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Komunita u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data, ĠU L 8, 12.1.2001, p.1.

# RIŻULTATI FL-2011

L-għanijiet ewlenin li ġejjin kienu stabbiliti fl-2010. Il-parti l-kbira ta' dawn l-għanijiet twettqu b' mod sħiħ jew parzjali fl-2011. F'ċerti każi, il-ħidma sjera tkompli fl-2012.

- **It-tqajjim tas-sensibilizzazzjoni**

Il-KEPD investa l-ħin u r-riżorsi f'eżerċizzji ta' tqajjim tas-sensibilizzazzjoni tal-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE u tal-UPD (uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta). Dan ħa l-forma ta' gwida tematika l-aktar fl-oqsma tal-proċeduri kontra l-fastidju u tal-evalwazzjoni tal-persunal, u workshops dwar il-protezzjoni tad-dejta għall-UPD jew għall-kontrolluri.

- **Rwol ta' verifika minn qabel**

Fl-2011, il-KEPD irċieva 164 notifika għall-verifika minn qabel, it-tieni l-ogħla numru s'issa. Din iż-żieda kienet dovuta l-aktar għat-tnedija ta' żjajjar fl-aġenziji, spezzjonijiet fuq il-post u l-ħruġ tal-gwida tematika. In-notifiki li waslu minn aġenziji ġodda wkoll ikkontribwew għal- din iż-żieda. Il-KEPD kompli jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni ta' rakkomandazzjonijiet li saru f'opinjoniijiet preċedenti dwar il-verifiki.

- **Eżerċizzji ta' monitoraġġ u rappurtar**

Il-KEPD nieda t-tielet eżerċizzju ta' rendikont tiegħu, bil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta (Stħarriġ 2011). Minbarra dan l-eżerċizzju ġenerali, saru eżerċizzji ta' monitoraġġ immirati f'każi fejn, bħala riżultat tal-attivitajiet ta' sorveljanza, il-KEPD kellu tħassib dwar il-livell ta' konformità f'istituzzjonijiet u korpi speċifiċi. Xi wħud minn dawn kienu bbażati fuq korrispondenza, filwaqt li oħrajn ħadu s-sura ta' żjara ta' ġurnata fil-korp ikkonċernat, bl-għan li jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' konformità.

- **Spezzjonijiet**

L-ispezzjonijiet huma għodda fundamentali, li tippermetti lill-KEPD jissorvelja u jiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament. Fl-2011, il-KEPD nieda erba' spezzjonijiet u kompli jsegwi r-rakkomandazzjonijiet li kien għamel fi spezzjonijiet preċedenti. Saret ukoll verifika ta' sigurtà tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS).

- **Ambitu tal-konsultazzjoni**

Il-KEPD reġa' żied il-produzzjoni tiegħu, bil-ħruġ ta' numru rekord ta' 24 opinjoni u 12-il sett ta' kummenti formali. F'bosta każi, il-Kummissjoni kienet diġà kkonsultat mal-KEPD qabel l-adozzjoni tal-proposti tagħha, li wasal għall-ħruġ ta' 41 sett ta' kummenti informali. Ħafna mill-opinjoniijiet kienu segwiti minn preżentazzjonijiet fil-Kumitat LIBE (Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern) tal-Parlament Ewropew jew il-Gruppi ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill. Il-proposti li għalihom ġew ippubblikati opinjonijiet intgħażlu minn inventarju sistematiku ta' suġġetti u prijoritajiet rilevanti għall-KEPD. L-opinjoniijiet, il-kummenti formali u l-inventarju huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-KEPD.

- **Reviżjoni tal-qafas legali għall-protezzjoni tad-dejta**

Il-KEPD ħareġ opinjoni dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar approċċ komprensiv lejn il-protezzjoni tad-dejta personali, kif ukoll kummenti informali fuq il-proposti leġiżlattivi. Huwa segwa l-proċess mill-qrib u ta l-kontribut tiegħu fejn kien meħtieġ u xieraq.

- **Implimentazzjoni tal-Programm ta' Stokkolma**

Il-KEPD segwa mill-qrib l-iżviluppi ta' politika relatati mal-Programm ta' Stokkolma, bil-ħruġ ta' opinjoni dwar il-proposta għal direttiva dwar l-użu ta' PNR (Reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri) għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi, kif ukoll kummenti formali dwar l-introduzzjoni ta' Programm Ewropew għat-Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (European Terrorist Financing Tracking Programme – TFTS). Għalkemm ma nħarġet l-ebda proposta leġiżlattiva dwar is-suġġett ta' fruntieri intelliġenti, il-KEPD indirizza s-suġġett fl-opinjoni tiegħu dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-migrazzjoni.

- **Inizjattivi fil-qasam tat-teknoloġija**

Il-KEPD ħareġ l-ewwel opinjoni tiegħu rigward proġett ta' riċerka ffinanzjat mill-UE, il-proġett kien jitratta l-implimentazzjoni taż-żamma tal-privatezza tal-bijometrija. Fil-

kuntest tal-Aġenda Diġitali, huwa ppubblika opinjoni dwar in-newtralità tan-netwerk.

- Inizjattivi oħrajn

Il-KEPD ħareġ diversi opinjonijiet u kummenti dwar inizjattivi oħrajn li kellhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta personali, bħas-Sistema ta' Informazzjoni tas-Suq Intern u l-użu ta' skeners tas-sigurtà fl-ajruporti.

- Kooperazzjoni mal-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-dejta

Il-KEPD ħa sehem attiv fil-ħidma tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-dejta tal-Artikolu 29, b'mod speċjali fis-sottogruppi dwar id-dispożizzjonijiet ewlenin u l-fruntieri, l-ivvjaġġar u l-infurzar tal-liġi.

- Kontroll ikkoordinat

Il-KEPD ipprova lill-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta involuti fil-kontroll ikkoordinat tal-Eurodac u s-Sistema ta' Informazzjoni Doganali b'segretarjat effikaċi. Għas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, l-awtoritajiet ta' protezzjoni tad-dejta rrappreżentati fil-grupp ta' koordinazzjoni tal-kontroll kellhom l-ewwel skambju ta' fehmiet bħala parti minn waħda mil-laqgħat ta' kontroll ikkoordinat tal-Eurodac, li kienet tindirizza l-implikazzjonijiet tas-sistema u l-approċċ lejn is-sorveljanza.

- Organizzazzjoni interna

Wara l-organizzazzjoni mill-ġdid tas-Segretarjat fl-2010, l-istituzzjoni ddeċidiet li tnedi reviżjoni strateġika tal-attivitajiet kollha tagħha fl-2011, immexxija minn Task Force ta' "Reviżjoni Strateġika" magħmula mid-Direttur u minn rappreżentanti tat-timijiet u d-dixxiplini kollha. L-ewwel fażi tar-reviżjoni laħqet il-quċċata tagħha f'laqgħa interna tal-istituzzjoni f'Ottubru 2011, li tat l-oppurtunità lill-membri u lill-persunal sabiex jirriflettu fuq il-kompiti, il-valuri u l-għanijiet tagħhom.

- Ġestjoni tar-riżorsi

Il-KEPD, f'kooperazzjoni mal-Parlament, wettaq analiżi eżawrjenti tas-suq għall-fornituri ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Każi u għażel il-kuntrattur bl-aktar prodott adattat. Fl-aħħar tal-2011, ġie ffirmat il-kuntratt u beda x-xogħol fuq l-iżvilupp ta' sistema personalizzata. Matul l-2011, kompila x-xogħol fuq l-integrazzjoni tal-KEPD f'applikazzjonijiet tal-IT fil-qasam tar-riżorsi umani fuq il-bażi ta' Ftehimiet fil-Livell tas-Servizzi: ġiet introdotta b'suċċess il-Formazzjoni ta' Syslog, beda x-xogħol fuq SysperII u ntlafhaq ftehim dwar l-introduzzjoni tal- MIPS fl-2012.

## Xi ċifri ewlenin tal-KEPD fl-2011

→ ġew adottati 71 opinjoni ta' verifika minn qabel, sitt opinjonijiet mingħajr verifika minn qabel

→ waslu 107 ilment, 26 minnhom ammissibbli

Tipi ewlenin ta' ksur allegat: ksur tal-kunfidenzjalità tad-data, ġbir eċċessiv tad-data jew użu illegali tad-data mill-kontrollur

→ 34 konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi. Ingħataw pariri fuq firxa wiesgħa ta' aspetti legali marbuta mal-ipproċessar ta' dejta personali minn istituzzjonijiet u korpi tal-UE

→ Saru erba' spezzjonijiet fuq il-post

→ ġew ippublikati żewġ linji gwida dwar il-proċeduri kontra l-fastidju u l-evalwazzjoni tal-persunal

→ inħarġu 24 opinjoni leġiżlattiva dwar, fost oħrajn, inizjattivi relatati mal-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja, l-iżviluppi teknoloġiċi, il-kooperazzjoni internazzjonali u t-trasferimenti tad-data, jew is-suq intern.

→ inħarġu 12-il sett ta' kummenti formali dwar, fost oħrajn, id-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, is-sigurtà fl-avjazzjoni ċivili, il-politika tal-UE dwar il-kriminalità, is-Sistema Ewropea ta' Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu, l-effiċjenza tal-enerġija, jew il-Programm tad-Drittijiet u ċ-Ċittadinanza.

→ 41 sett ta' kummenti informali

→ ġew impjegati 14-il-uffiċjal ġdid

# KONTROLL U INFURZAR

*Wieħed mir-rwoli ewlenin tal-KEPD huwa li jikkontrolla, b'mod indipendenti, l-operazzjonijiet tal-iproċessar imwettqa mill-istituzzjonijiet jew il-korpi Ewropej. Il-qafas legali huwa r-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-dejta (KE) Nru 45/2001, li jstabbilixxi għadd ta' obbligi għal dawk li jipproċessaw id-dejta, flimkien ma' numru ta' drittijiet għal dawk li tkun qiegħda tiġi pproċessata d-dejta personali tagħhom.*

*Il-kompiti ta' kontroll ivarjaw mill-għoti ta' pariri u appoġġ lill-uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta permezz tal-verifika minn qabel ta' operazzjonijiet ta' pproċessar tad-data riskjużi, għat-twettiq ta' investigazzjonijiet, inklużi spezzjonijiet fuq il-post u l-indirizzar tal-ilmenti. Pariri oħrajn lill-amministrazzjoni tal-UE jistgħu jjeħdu s-sura wkoll ta' konsultazzjonijiet dwar miżuri amministrattivi jew il-pubblikazzjoni ta' linji gwida tematiċi.*

## Uffiċjali tal-protezzjoni tad-dejta

L-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE għandu jkollhom mill-inqas **uffiċjal** wieħed **tal-protezzjoni tad-dejta** (UPD). FI-2011, l-għadd ta' UPD kien jammonta għal 54. L-interrazzjoni regolari magħhom u man-netwerk tagħhom hija kundizzjoni importanti għal kontroll effettiv. Il-KEPD ħadem mill-qrib mal-'kwartett tal-UPD' magħmul minn erba' UPD (Il-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea u l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel) li jikkoordinaw in-netwerk tal-UPD. Il-laqgħat tan-netwerk tal-UPD, li għalihom jattendi l-KEPD, huma opportunità sabiex jingħataw aġġornamenti dwar il-ħidma tal-KEPD, tingħata ħarsa ġenerali lejn l-iżviluppi fil-protezzjoni tad-dejta tal-UE u jiġu diskussi kwistjonijiet ta' interess komuni.

## Kontrolli minn qabel

Ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 jstabbilixxi li l-operazzjonijiet kollha tal-iproċessar ta' dejta personali li x'aktarx

jippreżentaw riskji speċifiċi għad-drittijiet u l-libertajiet tas-suġġetti tad-data għandhom ikunu soġġetti għal kontroll minn qabel mill-KEPD. Il-KEPD imbagħad jidde-termina jekk l-iproċessar huwiex konformi mar-Regolament jew le.

**Il-kontroll minn qabel** ta' operazzjonijiet ta' pproċessar riskjużi kompli jkun aspekk importanti tal-kontroll. FI-2011, il-KEPD irċieva 164 notifika għall-kontroll minn qabel u adotta 71 opinjoni dwar il-kontroll minn qabel fuq proċeduri amministrattivi standard, bħall-evalwazzjoni tal-persunal, investigazzjonijiet amministrattivi, proċeduri dixxiplinari u proċeduri kontra l-fastidju, iżda wkoll fuq attivitajiet ċentrali ta' negozju bħas-Sistema ta' Protezzjoni tal-Konsumaturi, is-Sistema tal-Ġestjoni tal-Kwalità u kontrolli tal-kwalità ex-post fl-UASI (Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern) u fis-sistema tal-Iskambju Elettroniku tas-Sigurtà Soċjali fil-Kummissjoni Ewropea. Dawn l-opinjonijiet huma ppubblikati fuq is-sit elettroniku tal-KEPD u l-implimentazzjoni tagħhom tiġi segwita b'mod sistematiku.

## Monitoraġġ tal-konformità

**L-implimentazzjoni tar-Regolament** mill-istituzzjonijiet u l-korpi tiġi immonitorjata wkoll b'mod sistematiku minn analiżi regolari tal-indikaturi tal-prestazzjoni, li tinvolvi lill-istituzzjonijiet u l-korpi kollha tal-UE. Il-KEPD nieda t-tielet eżerċizzju ta' analiżi, bil-monitoraġġ tal-konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta (Stħarriġ 2011) li wassal għal rapport li enfasizza l-progress li għamlu l-istituzzjonijiet u l-korpi fl-implimentazzjoni tar-Regolamenti u li saħaq ukoll fuq in-nuqqasijiet. Minbarra dan l-eżerċizzju ġenerali, saru wkoll eżerċizzji ta' monitoraġġ immirat f'każi fejn, minħabba l-attivitajiet ta' kontroll tiegħu, il-KEPD kellu tħassib dwar il-livell ta' konformità f'istituzzjonijiet u korpi speċifiċi. Dawn saru f'forma ta' korrispondenza mal-istituzzjoni jew il-korp jew żjara ta' jum b'mod partikolari fl-Aġenzija Ferrovarja Ewropea, l-Uffiċċju Komunitarju tal-Varjetajiet tal-Pjanti, il-Fondazzjoni Ewropea għat-Titjib tal-Kundizzjonijiet tal-Għixien u tax-Xogħol u l-Aġenzija Ewropea tas-Sistemi ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita.

Il-KEPD għamel ukoll spezzjoni fis-CEDEFOP, fl-OLAF u fl-ECB sabiex jivverifika l-konformità fi kwistjonijiet speċifiċi.



## Ilmenti

Wieħed mid-dmirijiet ewlenin tal-KEPD, kif stabbilit mir-Regolament dwar il-Protezzjoni tad-dejta, huwa li jisma' u li jinvestiga ilmenti, kif ukoll li jmexxi inkjesti fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq il-bażi ta' ilment.

Fl-2011, l-għadd ta' **Ilmenti** li rċieva l-KEPD żdied għal 107; 26 minnhom instabu li kienu ammissibbli. Ħafna mill-ilmenti inammissibbli kienu jinvolvu kwistjonijiet fuq livell nazzjonali li l-KEPD mhux kompetenti dwarhom. Fi 15-il każ solvuti matul l-2011, il-KEPD sab li jew ma kien hemm l-ebda ksur tar-regoli tal-protezzjoni tad-dejta jew li l-miżuri meħtieġa għall-konformità ttieħdu mill-kontrollur. Għall-kuntrarju f'żewġ każi, instab li kienu seħħu nuqqasijiet ta' konformità mar-regoli dwar il-protezzjoni tad-dejta u saru rakkomandazzjonijiet lill-kontrollur.

## Konsultazzjoni dwar miżuri amministrattivi

Saret ukoll aktar ħidma b'reazzjoni għall-**konsultazzjonijiet dwar miżuri amministrattivi** mill-istituzzjonijiet u l-korpi tal-UE b'rabta mal-ipproċessar ta' dejta personali. Tqajmu diversi kwistjonijiet, inkluża l-pubblikazzjoni tar-ritratti tal-impjegati fuq l-Intranet, il-kontroll meta titħaddem is-CCTV fil-bini ta' istituzzjoni oħra, u l-ipproċessar tal-posta elettronika tal-impjegati.

## Gwida orizzontali

Il-KEPD adotta wkoll **linji gwida** dwar il-proċeduri kontra l-fastidju u l-evalwazzjoni tal-persunal u segwa l-progress li għamlu l-istituzzjonijiet u l-korpi li kienu qegħdin isegwu l-Linji Gwida dwar is-Sorveljanza bil-Vidjo.

# POLITIKA U KONSULTAZZJONI

*Il-KEPD jagħti pariri lill-istituzzjonijiet u lill-korpi tal-Unjoni Ewropea dwar kwistjonijiet relatati mal-protezzjoni tad-dejta f'firxa ta' oqsma ta' politika. Dan ir-rwol konsultattiv huwa marbut ma' proposti għal leġislazzjoni ġdida kif ukoll inizjattivi oħrajn li jistgħu jaffettwaw il-protezzjoni tad-dejta fl-UE. Ġeneralment, dan jieħu l-forma ta' opinjoni formali, iżda l-KEPD jista' wkoll jipprova għid fl-għamla ta' kummenti jew studji politiċi. L-iżviluppi teknoloġiċi li għandhom impatt fuq il-protezzjoni tad-dejta jiġu wkoll immonitorjati bħala parti minn din l-attività.*

## Xejriet ewlenin

L-2011 kienet sena bieżla għall-konsultazzjoni, li wasslet għal numru rekord ta' **24 opinjoni, 12-il kumment formali u 41 kumment informali**. Il-KEPD kompla jimplimenta approċċ proattiv għall-konsultazzjoni, ibbażat fuq inventarju aġġornat b'mod regolari ta' proposti leġislattivi li għandhom ikunu sottomessi għall-konsultazzjoni kif ukoll fuq id-disponibbiltà għal kummenti informali fil-fażijiet ta' tnejn ta' proposti leġislattivi. Minħabba li ħadu vantaġġ minn din id-disponibbiltà għall-kummenti informali, fl-2011 is-servizzi tal-Kummissjoni kważi rdoppjaw in-numru ta' konsultazzjonijiet informali meta mqabbel mal-2010.

Il-ħidma tal-Kummissjoni fuq qafas legali modernizzat għall-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa tixirqilha aċċenn speċjali. Il-proċess ta' reviżjoni leġislattiva ġie segwit mill-qrib mill-KEPD, li ta kontribut f'livelli differenti, inkluż permezz ta' opinjoni f'Jannar dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi approċċ komprensiv għall-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa u kummenti informali dwar l-abbozzi ta' proposti leġislattivi f'Diċembru.

Jidher li hemm diversifikazzjoni ġenerali fl-oqsma marbuta ma' kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta: minbarra prijoritajiet tradizzjonali bħall-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja (AFSJ) u trasferimenti internazzjonali ta' data, qegħdin jitfaċċaw oqsma ġodda, kif jidher fl-għadd kbir ta' opinjonijiet adottati marbuta mas-suq intern. Il-punti

ewlenin li ġejjin jinkludu xi wħud mill-opinjonijiet adottati fl-oqsma rispettivi.

## Opinjonijiet tal-KEPD u kwistjonijiet ewlenin

**Fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja**, il-KEPD ħareġ bosta opinjonijiet ferm kritiċi dwar kwistjonijiet bħar-rapport ta' evalwazzjoni fuq id-Direttiva 2006/24/KE dwar iż-żamma ta' data u l-proposta għall-ipproċessar tar-Reġistri tal-Ismijiet tal-Passiġġieri Ewropej. Ir-reġistri tal-ismijiet tal-passiġġieri kienu wkoll is-suġġett ta' żewġ opinjonijiet li ttrattaw il-ftehimiet għat-trasferiment ta' din id-data lejn l-Awstralja u l-Istati Uniti tal-Amerika rispettivament. Il-KEPD ikkummenta wkoll dwar il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni rigward Sistema ta' Traċċar tal-Finanzjament tat-Terroriżmu (TFTS), fejn wera d-dubbi tiegħu dwar il-ħtieġa tagħha.

Rigward it-**Teknoloġija tal-Infommazzjoni u l-Aġenda Diġitali**, il-KEPD ippubblika opinjoni innovattiva dwar in-newtralità tan-netwerk li tenfasizza l-impatt ta' xi prattiki ta' monitoraġġ mill-fornituri tas-servizz tal-internet. Huwa ħareġ ukoll l-ewwel opinjoni tiegħu dwar proġett ta' riċerka ffinanzjat mill-UE li kien jitratta modi ta' konservazzjoni tal-privatezza fl-implimentazzjoni tal-bijometrija.

Fil-qasam tas-**suq intern**, il-KEPD ħareġ, fost oħrajn, opinjoni dwar is-Sistema ta' Informazzjoni dwar is-Suq Intern (IMI), li fiha ħeġġeġ li jiġu ċċarati l-funzjonalitajiet ġodda li se jridu jiżiedu fil-futur. Inħarġu opinjonijiet oħrajn notevoli dwar l-integrità u t-trasparenza fis-suq tal-Enerġija kif ukoll derivati barra l-Borża, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tat-tranżazzjonijiet. F'dawn il-każi, il-proposti kienu maħsuba li jagħtu poteri estensivi ta' investigazzjoni li ma kinux limitati b'mod ċar għal awtoritajiet regolatorji u għalhekk il-KEPD talab aktar ċarezza.

Inħarġu bosta opinjonijiet dwar **l-infurzar f'kuntest trans-konfinali**. Il-KEPD ipprova, pereżempju, għid dwar il-proposti għad-direttiva dwar l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali, fejn talab li jiġi stabbilit perjodu ċar ta' ritenzjoni kif ukoll li tiġi ċċarata l-bażi legali ta' database

assoċjata. Rigward il-proposta għall-Ordni Ewropea għall-Preservazzjoni ta' kontijiet, huwa saħaġ fuq il-ħtieġa li d-dejta personali pproċessata tkun limitata għall-minimu meħtieġ.

Fil-qasam tas-**saħħa pubblika u l-affarijiet tal-konsumatur**, il-KEPD ħareġ opinjoni dwar is-Sistema ta' Koope-razzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (CPCS), li fiha ħeġġeġ lil-leġiżlatur sabiex jikkunsidra mill-ġdid il-perjodi ta' ritenzjoni u sabiex ifittex modi kif jiżgura l-privatezza skont id-disinn.

Il-KEPD intervjena wkoll f'oqsma oħra, bħar-regolament għar-riforma tal-OLAF, ir-regolament finanzjarju tal-UE u l-użu ta' takografi diġitali għas-sewwieqa professjonisti.

## Każi tal-qorti

Fl-2011, il-KEPD intervjena f'ħames każi quddiem il-Qorti Ġenerali u t-Tribunal għas-Servizzi Ċivili.

Wieħed mill-każi kien jitratta allegat trasferiment illegali ta' data medika bejn is-servizzi mediċi tal-Parlament u l-Kum-

missjoni. It-Tribunal għas-Servizzi Ċivili – li kien qed jieħu din l-inizjattiva għall-ewwel darba – talab lill-KEPD sabiex jinter- vjeni. Fis-sentenza tiegħu, it-Tribunal segwa r-raġunament tal-KEPD u ta kumpens finanzjarju lir-rikorrent.

Tliet każi oħrajn kienu jitrattaw l-aċċess għal dokumenti ta' istituzzjonijiet tal-UE u jistgħu jitqiesu bħala segwitu tas-sentenza *Bavarian Lager*. Fit-tlieta li huma, il-KEPD argumenta favur aktar trasparenza. Dan ir-raġunament kien segwit mill-Qorti f'każ wieħed; f'ieħor hija kkonfermat id-deċiżjoni tal-Parlament li ma tagħtix aċċess; it-tielet każ, sakemm kien qed jinkiteb dan id-dokument, kien għadu pendent.

Barra minn hekk, il-KEPD intervjena fi proċedura ta' ksur kontra l-Awstrija dwar l-indipendenza tal-APD. Fl-intervent tiegħu, huwa argumenta li l-istruttura tal-organizzazzjoni tal-uffiċċju tal-APD Awstrijaka kif ipprovdut fil-liġi nazzjo- nali, ma tonorax l-istandard ta' indipendenza meħtieġ mid-Direttiva 95/46/KE. Sakemm kien qed jinkiteb dan id- dokument, dan il-każ ukoll kien pendent.

# KOOPERAZZJONI

*Il-KEPD jikkoopera ma' awtoritajiet oħrajn għall-protezzjoni tad-dejta biex jippromwovi protezzjoni tad-dejta konsistenti madwar l-Ewropa. Dan ir-rwol kooperattiv jestendi wkoll għal kooperazzjoni ma' korpi ta' kontroll stabbiliti taħt dak li kien it-"tiolet pilastru" tal-UE u fi l-kuntest ta' sistemi tal-IT fuq skala kbira.*

Il-pjattaforma ewlenija għall-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta fl-Ewropa hija l-**Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-dejta tal-Artikolu 29**. Il-KEPD jieħu sehem fl-attivitajiet tal-Grupp ta' Ħidma, li għandu rwol importanti fl-applikazzjoni uniformi tad-Direttiva dwar il-Protezzjoni tad-dejta.

Il-KEPD u l-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 ħadmu tajjeb flimkien fuq firxa ta' suġġetti, b'mod speċjali fil-kuntest tas-sottogruppi dwar dispożizzjonijiet ewlenin u l-fruntieri, l-ivvjaġġar u l-infurzar tal-liġi (BTLE). F'dik tal-ewwel, il-KEPD kien ir-*rapporteur* għall-opinjoni dwar il-kunċett ta' 'kunsens'.

Minbarra mal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29, il-KEPD kompli jikkoopera mill-qrib mal-awtoritajiet stabbiliti sabiex iwettqu **kontroll konġunt fuq sistemi tal-IT fuq skala kbira tal-UE**.

Element importanti ta' dawn l-attivitajiet ta' kooperazzjoni huwa l-**Eurodac**. il-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tal-Eurodac – magħmul minn awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta u l-KEPD – iltaqa' fi Brussell f'Ġunju u f'Ottubru 2011. Il-Grupp lesta spezzjoni kkoordinata dwar il-kwistjoni ta' tħassir bil-quddiem, elabora aktar qafas konġunt għall-verifika sħiħa tas-sigurtà ppjanata u ppjana spezzjoni oħra kkoordinata, li r-riżultati tagħha mistennija li jiġu rrapportati fl-2012. Barra minn hekk, il-grupp iddiskuta b'mod informali l-kwistjoni ta' kontroll ikkoordinat tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS), li bdiet taħdem f'Ottubru 2011.

Arranġament simili jirregola l-kontroll tas-**Sistema ta' Informazzjoni Doganali** (CIS), li fil-kuntest tiegħu l-KEPD organizza żewġ laqgħat tal-Grupp ta' Koordinazzjoni tal-Kontroll tas-CIS fl-2011. Il-laqgħat laqqgħu lir-rappreżentanti tal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta, kif ukoll rappreżentanti mill-Awtorità ta' Sorveljanza Konġunta Doganali u mis-Segretarjat tal-Protezzjoni tad-dejta. Fil-laqgħa ta' Ġunju, il-Grupp adotta pjan ta' azzjoni li fih iddeskriva l-attivitajiet ipplanati tiegħu għall-2011 u għall-2012,

filwaqt li fil-laqgħa ta' Diċembru, huwa qabel dwar l-ewwel żewġ spezzjonijiet ikkoordinati tiegħu. Ir-riżultati ta' dawn l-ispezzjonijiet sejrini ikunu ppreżentati matul l-2012.

Il-kooperazzjoni **f'fora internazzjonali** kompliet tiġbed l-attenzjoni, b'mod speċjali l-Konferenza Ewropea u dik Internazzjonali tal-Kummissarji tal-Protezzjoni tad-dejta u tal-Privatezza. Fl-2011, il-Konferenza Ewropea saret fi Brussell, u kienet organizzata mill-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29 u l-KEPD. Fil-Belt tal-Messiku, kummissarji tal-protezzjoni tad-dejta u tal-privatezza minn madwar id-dinja kollha adottaw dikjarazzjoni li permezz tagħha talbu kooperazzjoni effiċjenti f'dinja ta' data kbira'.

# GĦANIJIET EWLENIN GĦALL-2012

L-għanijiet li ġejjin intgħażlu għall-2012. Ir-riżultati miksuba jiġu rrapportati fl-2013.

## Kontroll u infurzar

F'konformità mad-Dokument dwar il-Politika tal-Konformità u tal-Infurzar adottat f'Diċembru 2010, il-KEPD stabbilixxa dawn l-għanijiet li ġejjin fil-qasam tal-Kontroll u l-Infurzar.

- **It-tqajjim tal-kuxjenza**

Il-KEPD ser jinvesti l-ħin u r-riżorsi fl-għoti ta' gwida lill-istituzzjonijiet u lill-aġenziji tal-UE. Il-gwida hija meħtieġa sabiex tgħin fil-kisba ta' bidla lejn aktar responsabbiltà mill-istituzzjonijiet u l-aġenziji. Din il-gwida sejra tiegħu l-forma ta' dokumenti tematiċi dwar proċeduri amministrattivi standard u temi orizzontali bħall-monitoraġġ elettroniku, it-trasferimenti, u d-drittijiet tas-suġġetti tad-data. Sejrjn jiġu organizzati wkoll taħriġ u workshops għall-OPD/KPD kemm fuq it-talbiet ta' istituzzjonijiet jew aġenziji speċifiċi kif ukoll fuq inizjattiva tal-KEPD meta jidentifika l-ħtieġa. Is-sit elettroniku tal-KEPD ser ikun żviluppat b'mod li jipprovdi informazzjoni siewja lill-OPD. Ir-reġistru pubbliku tan-notifiki ta' verifika minn qabel ser ikun ukoll aċċessibbli skont tassonomija ta' suġġett komuni.

- **Verifika minn qabel**

Il-KEPD ikompli jirċievi notifikati *ex-post* relatati kemm ma' proċeduri amministrattivi standard kif ukoll ma' operazzjonijiet diġà operattivi. Fl-2012 ser tittieħed azzjoni sabiex ikunu definiti proċeduri xierqa għall-indirizzar ta' dawn in-notifiki u sabiex ikun żgurat li n-notifiki għall-verifika *ex-post* ma jkunux permessi ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali u ġustifikati. Is-segwitu ta' rakkomandazzjonijiet magħmula f'opinjonijiet ta' verifika minn qabel huwa element kruċjali tal-istrateġija ta' infurzar tal-KEPD. Il-KEPD ser ikompli jagħmel enfasi qawwija fuq l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet fl-opinjonijiet ta' verifika minn qabel u jiżgura segwitu adegwat.

- **Eżerċizzji ġenerali ta' rendikont**

Fl-2011, il-KEPD nieda eżerċizzju ġenerali ta' rendikont, li fih ipprovda indikaturi ta' konformità għall-istituzzjonijiet u l-korpi b'ċerti obbligi (eż. il-ħatra ta' OPD, l-adozzjoni ta' regoli implimentattivi, il-livell tan-notifiki tal-Artikolu 25, il-livell tan-notifiki tal-Artikolu 27). Ir-rapport maħruġ mill-KEPD enfasizza l-progress li sar fl-implimentazzjoni tar-Regolament, iżda saħaq ukoll fuq in-nuqqasijiet. L-istħarriġ tal-2011 ser ikun ikkumplementat fl-2012 minn eżerċizzju speċifiku fuq l-Istatus tal-OPD: dan l-eżerċizzju huwa

maħsub ukoll sabiex jipprovdi appoġġ għall-funzjoni tal-OPD skont il-prinċipju tar-responsabbiltà. Barra minn hekk il-KEPD ser iniedi stħarriġ speċifikament għall-Kummissjoni fl-2012, li l-għan tiegħu huwa li jiġbor informazzjoni direttament mingħand id-diversi DG fil-Kummissjoni.

- **Żjarat**

Fuq il-bażi tal-indikaturi mill-istħarriġ tal-2011, il-KEPD għażel istituzzjonijiet u aġenziji għal żjarat (sitt żjarat ippjanati). Dawn iż-żjarat ikunu mmotivati kemm minn nuqqas evidenti ta' impenn jew komunikazzjoni mill-maniġment, kif ukoll jekk istituzzjoni jew aġenzija tkun taħt il-punt ta' referenza stabbilit minn grupp pari.

- **Spezzjonijiet**

L-ispezzjonijiet huma għodda fundamentali li jippermettu lill-KEPD jissorvelja u jiżgura l-applikazzjoni tar-Regolament: żieda fl-għadd ta' spezzjonijiet hija kruċjali mhux biss bħala għodda ta' infurzar, iżda wkoll bħala għodda sabiex titqajjem il-kuxjenza dwar kwistjonijiet ta' protezzjoni tad-dejta u tal-KEPD. L-ispezzjonijiet sejrjn jiżdedu fl-2012 minħabba l-introduzzjoni ta' spezzjonijiet aktar ħfief u mmirati min-barra spezzjonijiet fuq skala sħiħa. Xi istituzzjonijiet jew korpi jipproċessaw dejta personali fl-attivitatijiet ċentrali tan-negozju tagħhom u għaldaqstant, il-protezzjoni tad-dejta hija element ewlieni. Dawn il-korpi sejrjn ikunu identifikati u soġġetti għal monitoraġġ immirat (bil-miktub) jew spezzjonijiet. Hemm ippjanati wkoll spezzjonijiet ġenerali għal sistemi tal-IT fuq skala kbira fl-2012. Dawn jintgħażlu fuq il-bażi ta' obbligi legali. Sejrjn isiru spezzjonijiet tematiċi f'oqsma fejn il-KEPD ipprovda gwida u jixtieq jagħmel verifika mar-realtà (eż. CCTV).

## Politika u konsultazzjoni

L-għanijiet ewlenin tal-KEPD għar-rwol konsultattiv tiegħu huma stabbiliti fl-inventarju u l-memorandum mehmuż kif ippubblikat fuq is-sit elettroniku. Il-KEPD jaffaċċja l-isfida tat-twettiq tar-rwol dejjem akbar tiegħu fil-proċedura leġiżlattiva, billi jiggarrantilha kontributi ta' kwalità għolja u apprezzati sew, ipprovdu b'riżorsi limitati. Fid-dawl ta' dan, il-KEPD identifika kwistjonijiet ta' importanza strateġika li sejrjn jiffurmaw il-pedamenti tal-ħidma ta' konsultazzjoni tiegħu għall-2012, waqt li ma jittraskurax l-importanza ta' proċeduri leġiżlattivi oħrajn fejn tidħol il-protezzjoni tad-dejta.

- Lejn qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-dejta

Il-KEPD ser jagħti prijorità lill-ħidma fuq qafas legali ġdid għall-protezzjoni tad-dejta fl-UE. Huwa ser joħroġ opinjoni dwar il-proposti leġiżlattivi għall-qafas u jikkontribwixxi għad-dibattiti fil-fażijiet li jmiss tal-proċedura leġiżlattivi fejn ikun meħtieġ u xieraq.

- Żviluppi teknoloġiċi u l-Aġenda Diġitali, drittijiet ta' PI u l-Internet

L-iżviluppi teknoloġiċi, b'mod speċjali dawk marbuta mal-Internet u t-tweġibiet ta' politika assoċjati ser ikunu qasam ieħor ta' attenzjoni għall-KEPD fl-2012. Is-suġġetti jvarjaw mill-pjanijiet għal qafas pan-Ewropew għall-identifikazzjoni, l-awtentikazzjoni u l-firma elettronika, il-kwistjoni ta' monitoraġġ tal-Internet (eż. l-infurzar tad-drittijiet ta' PI, proċeduri ta' tneħħija faċli) sa servizzi ta' cloud computing u s-Saħħa elettronika. Il-KEPD ser isaħħa ukoll l-għarfien teknoloġiku tiegħu u jagħmel riċerka dwar teknoloġiji li jtejbju l-privatezza.

- Aktar żvilupp fil-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja

Il-Qasam tal-Libertà, is-Sigurtà u l-Ġustizzja ser jibqa' wieħed mill-oqsma ta' politika ewlenin li ser jindirizza l-KEPD. Proposti futuri rilevanti jinkludu l-EU-TFTS u l-fruntieri intelliġenti. Barra minn hekk, il-KEPD ser ikompli jsegwi r-reviżjoni tad-direttiva dwar iż-żamma tad-data. Huwa ser jissorvelja wkoll mill-qrib in-negozjati ma' pajjiżi terzi dwar ftehimiet ta' protezzjoni tad-dejta.

- Riforma fis-settur finanzjarju

Il-KEPD ser ikompli jsegwi u jifli proposti ġodda għar-regolamentazzjoni u s-sorveljanza ta' swieq u atturi finanzjarji, sakemm dawn jaffettwaw id-dritt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta.

- Inizjattivi oħrajn

Il-KEPD ser isegwi wkoll proposti f'oqsma oħrajn ta' politika li għandhom impatt sinifikanti fuq il-protezzjoni tad-dejta. Huwa ser jibqa' disponibbli għal konsultazzjonijiet formali u informali dwar proposti li jaffettwaw id-dritt tal-privatezza u tal-protezzjoni tad-dejta.

## Kooperazzjoni

Il-KEPD ser ikompli jwettaq ir-responsabbiltajiet tiegħu fil-qasam tal-kontroll ikkoordinat. Barra minn hekk, huwa ser jibqa' jikkomunika mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta kif ukoll ma' organizzazzjonijiet internazzjonali.

- Kontroll ikkoordinat

Il-KEPD ser jaqdi r-rwol tiegħu fil-kontroll ikkoordinat tal-Eurodac, is-Sistema ta' Informazzjoni Doganali u s-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża (VIS). Il-kontroll ikkoordinat tal-VIS, li tnieda f'Ottubru 2011, għadu fil-bidu tiegħu. Wara diskussjonijiet informali fil-qafas tal-laqqgħat ta' koordinazzjoni tal-kontroll tal-Eurodac, il-mira għall-2012 hija li b'mod gradwali jiġi stabbilit kontroll f'dan il-qasam. Meta tiġi mnedija SIS II, din ukoll se jkun soġġetta għal kontroll ikkoordinat; din hija ppjanata li tibda taħdem fl-2013 u l-preparazzjonijiet se jkun segwiti mill-qrib. Il-KEPD ser jagħmel ukoll spezzjonijiet tat-taqsimiet ċentrali ta' dawn is-sistemi fejn ikun meħtieġ jew legalment meħtieġ.

- Kooperazzjoni ma' awtoritajiet tal-protezzjoni tad-dejta

Bħal qabel, il-KEPD ser jikkontribwixxi b'mod attiv fl-attivitajiet u s-suċċessi tal-Grupp ta' Ħidma għall-Protezzjoni tad-dejta tal-Artikolu 29, billi jiżgura konsistenza u sinerġiji bejn il-Grupp ta' Ħidma u l-pożizzjonijiet tal-KEPD skont il-prijoritajiet rispettivi u jżomm relazzjonijiet kostruttivi mal-awtoritajiet nazzjonali tal-protezzjoni tad-dejta. Bħala rapporteur għal fajls speċifiċi, il-KEPD se jsejjer imexxi u jħejji l-adozzjoni tal-opinjoni tal-Grupp ta' Ħidma tal-Artikolu 29.

- Protezzjoni tad-dejta f'organizzazzjonijiet internazzjonali

Normalment l-organizzazzjonijiet internazzjonali ma jkunx soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-protezzjoni tad-dejta fil-pajjiżi tagħhom; madankollu, mhux kollha jkollhom stabbiliti regoli xierqa għall-protezzjoni tad-dejta. Il-KEPD ser jgħin lill-organizzazzjonijiet internazzjonali billi jorganizza workshop immirat lejn it-tqajjim tal-kuxjenza u t-tixrid ta' prattiki tajba.

## Oqsma oħrajn

- Informazzjoni u komunikazzjoni

L-informazzjoni, il-komunikazzjoni u l-attivitajiet tal-istampa se jkun ikompli jiġu żviluppati u mtejbja, b'attenzjoni speċjali fuq it-tqajjim tal-kuxjenza, pubblikazzjonijiet u informazzjoni onlajn. Il-KEPD ser jibda jimplimenta wkoll ir-reviżjoni tal-Istrateġija tal-Infommazzjoni u l-Komunikazzjoni tiegħu, wara konsultazzjoni mal-partijiet interessati ewlenin tiegħu. Huwa ppjanat li xi partijiet importanti tas-sit elettroniku tal-KEPD jiġu organizzati mill-ġdid sabiex jikber l-użu faċli tas-sit elettroniku u jiġu ffaċilitati t-tiftix u n-navigazzjoni permezz tal-informazzjoni disponibbli.

- Organizzazzjoni interna

Ir-reviżjoni strateġika tal-KEPD se jkun tkompli matul l-2012, b'konsultazzjoni esterna mal-partijiet interessati permezz ta' stħarriġ onlajn, intervisti, gruppi mmirati u workshops. Ir-riżultati immedjati tar-reviżjoni mnedija fl-2011 wasslet sabiex jittieħdu deċiżjonijiet ta' żvilupp ta' approċċ aktar strateġiku lejn il-kontroll u l-attivitajiet ta' konsultazzjoni u ta' ħolqien ta' settur ġdid tal-politika tal-IT fl-2012. Ladarba r-reviżjoni titlesta u r-riżultati jiġu analizzati, il-KEPD ser jif-finalizza l-istrateġija intermedja tiegħu u jfassal l-għodod ta' kejl tal-prestazzjoni (KPI) meħtieġa għall-evalwazzjoni tal-elementi prinċipali ta' dik l-istrateġija.

- Ġestjoni tar-riżorsi

Fl-2012 se jkun tkompli l-ħidma tal-iżvilupp ta' Sistema ta' Ġestjoni tal-Każi personalizzata tal-KEPD. L-applikazzjonijiet tal-IT fil-qasam tar-riżorsi umani fuq il-bażi ta' Ftehimiet fil-Livell tas-Servizzi se jkun jiġu żviluppati aktar, b'mod speċjali bl-implimentazzjoni ta' Sysper II, li se jkun titlesta fl-2012, u bl-introduzzjoni tal-MIPS.

Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data

**Rapport Annwali 2011 – Sommarju Eżekuttiv**

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea

2012 — 12 pp. — 21 x 29,7 cm

ISBN 978-92-95076-51-8

doi:10.2804/42336

**KIF GĦANDEK TAGĦMEL BIEX TIKSEB  
IL-PUBBLIKAZZJONIJIET TAL-UE**

**Pubblikazzjonijiet mingħajr ħlas:**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);
- mir-rappreżentanzi tal-Unjoni Ewropea jew mid-delegazzjonijiet. Tista' tikseb id-dettalji tal-kuntatt mil-link <http://ec.europa.eu> jew billi tibgħat fax f'dan in-numru: +352 2929-42758

**Pubblikazzjonijiet bi ħlas**

- permezz tal-Ħanut tal-Kotba tal-UE (<http://bookshop.europa.eu>);

**Abbonamenti bi ħlas (pereżempju s-serje annwali ta' Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u Ir-rapporti fuq kawżi li hemm quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea):**

- mingħand l-aġenti tal-bejgħ tal-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea ([http://publications.europa.eu/others/agents/index\\_mt.htm](http://publications.europa.eu/others/agents/index_mt.htm)).



KONTROLLUR EWROPEW  
GĦALL-PROTEZZJONI TAD-DATA

*KEPD – Il-gwardjan Ewropew  
għall-protezzjoni tad-data personali*  
**[www.edps.europa.eu](http://www.edps.europa.eu)**



■ L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

ISBN 978-92-95076-51-8



9 789295 076518